

32003R1343

29.7.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 189/30

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1343/2003
tat-23 ta' Lulju 2003

li jissosponedi għal perijodu addizzjonali ta' sitt xhur, fir-rigward taz-zokkor tal-kodiċi NM 1701 u 1702 importat mis-Serbja u l-Montenegro, l-arranġamenti li hemm provvediment dwarhom fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2000 li jintroduċi miżuri eċċezzjonali fil-kummerċ għall-pajjiżi u territorji li jipparteċipaw fi jew li kienu marbuta mal-proċess ta' l-Istabilizzazzjoni u l-Assoċjazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2000 tat-18 ta' Settembru 2000 li jintroduċi miżuri eċċezzjonali tal-kummerċ għall-pajjiżi u t-territorji li jipparteċipaw fi jew huma magħquda mal-proċess ta' Assoċjazzjoni u Stabbilizzazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2820/98, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1763/1999 u (KE) Nru 6/2000 ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Mru 607/2003 ⁽²⁾, u partikolarment l-Artikolu 12(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 764/2003 ⁽³⁾ jissospendi, għal peridju ta' tlett xhur, l-arranġamenti preferenzjali li hemm provvediment dwarhom fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2000 għaz-zokkor tal-kodiċi NM 1701 u 1702 importat mis-Serbja u l-Montenegro.
- (2) Fil-bażi ta' dik id-deċiżjoni kienu s-sejbiet magħmula fis-Serbja u l-Montenegro li permezz tagħhom is-sistema taċ-ċertifikazzjoni u l-kontroll ta' l-orijini preferenzjali taz-zokkor tal-kodiċi NM 1701 u 1702 ma kienux jippermettu lil-awtoritajiet kompetenti ta' dan il-pajjiż benefiċjarju li jivverifikaw l-istatus orijinanti tal-prodotti u li jipprovdi kooperazzjoni amministrattiva kif meħieġ għall-verifika ta' l-evidenza ta' l-orijini.
- (3) Il-miżura ta' sospenzjoni kienet sussegwentament deċiża fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 2007/2000.
- (4) L-Artikolu 12(3) tar-Regolament (KE) Nru 2007/2000 jistqarr li, mal-konklużjoni tal-perijodu tas-sospenzjoni, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi li jew tittermina jew inkella li testendi l-miżura ta' sospenzjoni.

- (5) Ma kien hemm l-ebda tibdil sinifikanti fis-sitwazzjoni fis-Serbja u l-Montenegro fir-rigward tad-defiċjenzi misjuba fis-sistema tagħhom taċ-ċertifikazzjoni u l-kontroll ta' l-orijini preferenzjali taz-zokkor, minkejja l-iforzi kurrenti mil-awtoritajiet fis-Serbja u l-Montenegro. Aktar minn hekk, ammont raġjonevoli ta' żmien huwa meħieġ saniex is-sitwazzjoni tkun irranġata.
- (6) Il-Kummissjoni għalhekk tikkonsidra li l-miżura ta' sospenzjoni għanda tkun estiża għal perijodu addizzjonali ta' sitt xhur, fil-medda taz-zokkor tal-kodiċi NM 1701 jew 1702 iddikjarat bħala orijinanti fis-Serbja u l-Montenegro huwa kkonċernat, fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 12(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2000.
- (7) Il-Kumitat tal-Kodiċi Doganali kien ġie nformat kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-arranġamenti preferenzjali li hemm provvediment dwarhom fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2000 fir-rigward ta' zokkor tal-kodiċi NM 1701 u 1702 importat mis-Serbja u l-Montenegro huma sospiżi għal perijodu addizzjonali ta' sitt xhur.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Huwa applikabbli mit-8 ta' Awwissu 2003.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-23 ta' Lulju 2003.

Għall-Kummissjoni

Frederik BOLKESTEIN

Membre tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 240, tat-23.9.2000, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 86, tat-3.4.2003, p. 18.

⁽³⁾ ĠU L 109, ta' l-1.5.2003, p. 13.